



# Avviż ta' Informazzjoni għall-Pazjenti \*

Għal ċittadini tal-UE li mhumiex Franċiżi,  
li jaċċessaw il-kura tas-saħħa fi Franza

Id-*data* tiegħek dwar is-saħħa hija kondiviża biex inkunu nistgħu **nittrattawk aħjar**.

Hawn se ssib xi informazzjoni dwar ir-regoli li jirregolaw l-użu tad-*data* tiegħek **fi Franza**

1. X'INHI L-INFRASTRUTTURA TAS-SERVIZZI ONLINE FIL-QASAM TAL-KURA TAS-SAĦĦA ONLINE?
2. LIEMA *DATA* TIĠI PROĊESSATA?
3. X'INHI L-BAŻI ĠURIDIKA GĦALL-IPPROĊESSAR TAD-*DATA* PERSONALI TIEGĤEK?
4. X'INHU L-GĦAN TAL-IPPROĊESSAR TAD-*DATA* PERSONALI TIEGĤEK?
5. ID-*DATA* TIEGĤEK, MIN JIPPROĊESSAHA U MIN GĦANDU AĊĊESS GĦALIHA?
6. ID-*DATA* PERSONALI TINŻAMM GĦAL KEMM ŻMIEN?
7. X'INHUMA DRITTIJETEK FIR-RIGWARD TAD-*DATA* TIEGĤEK?

# 1. X'INH I-L-INFRASTRUTTURA TAS-SERVIZZI ONLINE FIL-QASAM TAL-KURA TAS-SAĦĦA ONLINE?

Is-sommarju tal-file mediku tiegħek (is-sommarju mediku) jiġi ttrasferit elettronikament permezz tal-infrastruttura tas-servizzi online fil-qasam tal-kura tas-saħħa.

mill-Kummissjoni Ewropea skont l-iskema Ma Santé @ UE.



Ma santé @ UE

Infrastructure de services numériques dans le domaine de la santé en ligne  
Un service fourni par l'Union européenne

L-infrastruttura hija maħsuba għall-iskambju tad-*data* dwar is-saħħa u tgħaqqad il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għas-saħħa elettronika (NCPeH).

Hija parti minn sistema elettronika transfruntiera li toffri liċ-ċittadini Ewropej, li jagħti l-kunsens tagħhom minn qabel, mod **sikur** u **sempliċi** kif jittrasferixxu d-*data* tagħhom dwar is-saħħa jekk ikunu jeħtieġu trattament barra pajjiżhom.


Skont din is-sistema, id-*data* personali tiġi ttrasferita elettronikament lill-professionisti tas-saħħa li inti tikkonsulta fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea (UE)




## ID-DIŻINN TAL-INFRASTRUTTURA TAS-SERVIZZI ONLINE FIL-QASAM TAL-KURA TAS-SAĦĦA ONLINE

Punt ta' kuntatt (NCPeH)


Trasferiment tad-*data* dwar is-saħħa



Pajjiż A



Pajjiż B



Pajjiż Ċ

## 2. LIEMA DATA TIĠI PROĊESSATA?

Jiġu proċessati żewġ tipi ta' *data*:

- **Id-*data* amministrattiva tiegħek** (id-*data* ta' identifikazzjoni)
- **Id-*data* dwar is-saħħa tiegħek** (li għandha x'taqsam mal-istat tas-saħħa tiegħek [fiżika jew mentali])

Is-sommarju mediku tiegħek jinkludi informazzjoni essenzjali dwar is-saħħa, bħal kwalunkwe allerġija, ir-riċetti attwali, l-istorja medika u operazzjonijiet preċedenti, sabiex jiġi żgurat li inti tirċievi kura ottima.

L-ipproċessar tad-*data* tiegħek fil-kuntest tal-NCPeH jiġġenera wkoll *data* teknika li tiżgura t-traċċabilità tat-talbiet magħmula minn professjonist tas-saħħa Ewropew, id-dettalji tal-kunsens tiegħek, it-trasferiment tas-sommarju mediku tiegħek eċċ.



### 3. X'INHI L-BAŻI ĠURIDIKA GĦALL-IPPROĊESSAR TAD-DATA PERSONALI TIEGĦEK?

Id-*data* personali tiegħek hija proċessata f'konformità ma':

- il-GDPR, id-Direttiva 2011/24/UE dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali,
- l-Att Nru 78-17 tas-6 ta' Jannar 1978 dwar l-ipproċessar tad-*data*, il-files tad-*data* u l-libertajiet individwali,
- kif ukoll il-Ftehim bejn l-Awtoritajiet Nazzjonali u l-Organizzazzjonijiet Nazzjonali responsabbli għall-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali għas-saħħa elettronika, iffirmit fl-10 ta' Frar 2020 mill-*Agence du numérique en santé* (l-Aġenzija tal-Kura tas-Saħħa Diġitali).

Skont l-Artikoli 6 u 7 tal-GDPR, l-ipproċessar tad-*data* tiegħek jirrikjedi **l-kunsens espliċitu minn qabel** min-naħa tiegħek.



Id-Direttiva u l-GDPR



Il-lijġijiet u d-digriet



Il-konvenzjoni u l-ftehimiet



### 4. X'INHU L-GĦAN TAL-IPPROĊESSAR TAD-DATA PERSONALI TIEGĦEK?

Id-*data* personali tiegħek tintuża għat-trattament tiegħek mill-professionisti tas-saħħa fi Franza.

Din id-***data* dwar is-saħħa**, fl-ebda mument mhu se terġa' tintuża għall-finijiet ta' riċerka jew statistika.

L-**istatistika depersonalizzata** tiġi ġġenerata sabiex jiġi mmonitorjat l-użu tas-servizz.



### 5. ID-DATA TIEGĦEK, MIN JIPPROĊESSAHA U MIN GĦANDU AĊĊESS GĦALIHA?

Id-***data* dwar is-saħħa** fis-sommarju mediku tiegħek hija aċċessibbli biss għall-**professionisti fil-kura tas-saħħa awtorizzati** li jkunu involuti fit-trattament tiegħek u li huma marbuta bil-kunfidenzjalità medika, soġġett għall-kunsens minn qabel min-naħa tiegħek.


L-*Agence du numérique en santé*, bħala l-punt ta' kuntatt nazzjonali għas-saħħa elettronika, se taċċessa traċċi funzjonali u tekniċi assoċjati mal-użu tas-servizz jekk meħtieġ.



## 6. ID-DATA PERSONALI TINŻAMM GĦAL KEMM ŻMIEN?

Id-*data* fis-sommarju mediku tiegħek tista' tinżamm fis-sistemi ta' informazzjoni tal-professjonisti fil-kura tas-saħħa fi Franza għal perjodu li ma jaqbiżx dak neċessarju għat-trattament tiegħek.

It-traċċi tekniċi jinżammu għal sena. It-traċċi funzjonali jinżammu għal perjodu massimu ta' 10 snin (durata armonizzata mal-istatut tal-limitazzjonijiet għall-azzjonijiet għar-responsabbiltà medika).



## 7. X'INHUMA DRITTIJIEK FIR-RIGWARD TAD-DATA TIEGĦEK?

Jekk inti tagħti l-kunsens biex id-*data* personali tiegħek tiġi pproċessata bħala parti minn dan is-servizz, se tkun tista':

- **taċċessa** d-*data* tiegħek;  
titlob il-**korrezzjoni ta' kwalunkwe ineżattezza**;
- titlob li d-**data** tiegħek **tifhassar**;
- tirtira l-**kunsens** tiegħek fi kwalunkwe ħin;
- titlob il-**portabbiltà** tad-*data* tiegħek;
- titlob **restrizzjoni** fuq l-ipproċessar tad-*data* tiegħek;
- tibbenefika minn **dritt għal kumpens** f'każ ta' ħsara materjali u mhux materjali li tirriżulta minn ksur tal-GDPR.

Inti tista' teżerċita dawn id-drittijiet billi tibgħat talba lill-professjonist fil-kura tas-saħħa li jkun qed jagħtik it-trattament fi Franza jew lill-uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data* li ssib id-dettalji tiegħu hawn taħt (b'mod partikolari, fir-rigward tad-*data* teknika li tiżgura t-traċċabilità tal-ipproċessar tad-*data* tiegħek).

Jekk fi żmien xahar minn meta teżerċita drittijietek tkun għadek ma rċevejtx risposta, tista' tibgħat ilment lis-CNIL (l-Awtorità għall-Protezzjoni tad-*Data* Franċiża) fuq <https://www.cnil.fr/fr/plaintes> jew bil-posta fl-indirizz li ġej:

CNIL - 3 Place de Fontenoy - TSA 80715 - 75334 PARIS CEDEX 0


### Kuntatt:

Délégué à la Protection des Données de l'ANS

Agence du numérique en santé

9 rue Georges Pitard - 75015, PARIS

[dpo.asipsante@sante.gouv.fr](mailto:dpo.asipsante@sante.gouv.fr)



## KUNSENS TAL-PAZJENT

Jien, hawn taħt iffirmit,

KUNJOM

ISEM

nikkonferma li l-professionist fil-kura tas-saħħa kiseb il-kunsens tiegħi biex jaċċessa s-sommarju mediku tiegħi f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-avviż ta' informazzjoni;

naċċetta l-kondiviżjoni tad-*data* dwar is-saħħa personali tiegħi li tinsab fl-infrastruttura nazzjonali tiegħi għall-finijiet tat-trattament mediku permezz tal-Infrastruttura Ewropea ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa-e pprovduta mill-Kummissjoni Ewropea

Magħmul fi..... Nhar ...../...../.....

Firma tal-pazjent